MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 18/2005

John Farrugia et
vs
Ignatius Zammt

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha ppremettew:

Peress illi l-attur John Farrugia permezz ta' skrittura tas-sitta (6) ta' Jannar 2004 (kopja prezentata mac-citazzjoni u mmarkata IJS1) silef lill-konvenut is-somma ta' sitt elef seba' mitt Lira Maltin (Lm6,700), liema somma kienet pagabbli flimkien ma' interessi ammontanti ghal tliet mitt Lira Maltin (Lm300) f' pagamenti ta' elf Lira Maltija (Lm1,000) fix-xahar, bl-ewwel pagament dovut fil-hmistax (15) ta' Gunju 2004, bl-ahhar pagament dovut fil-hmistax (15) ta' Dicembru 2004;

Peress illi minn dawn il-pagamenti, il-konvenut hallas lill-atturi l-ammont ta' elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) u ghaldaqstant kien ghad fadal bilanc ta' hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500) dovut mill-konvenut lill-atturi;

Peress illi minkejja li l-konvenut kien gie interpellat biex ihallas il-bilanci dovuti u jottempera ruhu ma' dak miftiehem, huwa kien baqa' inadempjenti;

Peress illi in vista tas-suespost, il-konvenut kien debitur ta' l-atturi fl-ammont ta' hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500);

Peress illi d-debitu kien cert, likwidu u dovut;

Peress illi l-konvenut ma kellux eccezzjonijiet x'jaghti in kontro-trattazzjoni tat-talbiet attrici u ghalhekk kienu jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-atturi talbu lill-Qorti biex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom li jhallsu lill-attur is-somma ta' hamest elef u hames mitt Lira Maltin (Lm5,500);

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru li gie pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza u l-ittri ufficjali kif ukoll bl-imghax kontra l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u dokument prezentati mill-atturi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-attur bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Rat illi l-konvenut ma deherx izda dehret il-konsulenta legali tieghu.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat illi l-attur John Farrugia kkonferma d-dikarazzjoni tieghu bil-gurament u fiha semma li l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' Lm5,500. Dan gie wkoll konfermat bil-gurament waqt id-depozizzjoni tal-lum 28 ta' Frar, 2005, fejn l-attur xehed ukoll li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni 'l hawn il-konvenut ma hallas xejn mill-ammont dovut.

**C. SENTENZA:**
Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati, u hemm lok li s-sentenza tinghata llum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Tilqa' t-talbiet tal-atturi kif dedotti fic-citazzjoni u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (Lm5,500).

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------